II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-24 ta' Settembru 2009

## li taħtar membru Spanjol u membru supplenti Spanjol fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2009/754/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Juan José IBARRETXE MARKUARTU sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Iñaki AGUIRRE ARIZMENDI sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Francisco Javier LÓPEZ ÁLVAREZ, Presidente del Gobierno Vasco.

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Guillermo ECHENIQUE GONZÁLEZ, Secretario General de Acción Exterior. País Vasco.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. OLOFSSON

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.